**22 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Italia Demarco et

*versus*

Giorgio Demarco

**Kontijiet — Forma tar-Rendiment Tagħhom — Art. 389 et seq. tal-Kap. 15.**

*Għalkemm il-liġi tiddetta ċerti regoli dwar il-forma kif wieħed għandu jirrendi l-kontijiet, il-ġurisprudenza nterpretattiva ta' dawk id-dispożizzjonijiet f'każijiet partikulari stabbiliet illi dik il-forma hekk preskritta mhix "di rigore", b'mod illi, per eżempju, in-nuqqas ta' produzzjoni ta' xi dokumenti ġustifikattivi ta' partiti ta' eżitu ma jirrendix il-kont null jew invalidu, kif lanqas tirrendieh invalidu l-ommissjoni ta' xi partita ta' akkreditament, jew l-adozzjoni ta' format u aspett tal-kont diversi minn dawk preskritti.*

*Iżda dawk it-temperamenti ma għandhomx joskuraw ir-regola essenzjali, jew jiġu nterpretati u applikati b'mod illi gradatament, kważi nsensibbilment, l-istess regola tiġi eroża sal-punt li kważi tisparixxi, u l-iskop tagħha jiġi minsi u sfrattat. Jekk mill-banda l-waħda l-forma tal-kont mhix preskritta taħt piena ta' nullità, u l-persuna li lilha jiġi mogħti l-kont ma tistgħax tirrikuża li tiddiskutieh fil-forma li ġie kompilat minn dak li rrendieh, b'dan kollu, però, l-essenzjali jibqa' illi l-kont kif mogħti għandu juri l-istat u deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li dwarhom il-kont jingħata, u b'mod illi l-persuna li tirċevieh tista' minnu tkun taf x'daħal u x'ħareġ u x'baqgħalha tiegħu jew tagħti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li l-konvenut ilu diversi snin jamministra l-beni komuni bejn l-aħwa Demarco, ulied Giovanni Vincenzo Demarco, fosthom il-konvenut stess u l-mejjet Alfredo Demarco, raġel tal-

attriċi Italia Demarco u missier l-attriċi Mae Muscat Loporto; u peress li hu qatt ma rrenda kont regolari skond il-liġi; talbu li l-konvenut jiġi kundannat, għar-raġunijiet imsemmija, li jirrendi l-kontijiet tal-amministrazzjoni tiegħu fuq imsemmija, mill-bidu tal-amministrazzjoni sal-aħħar tas-sena 1959, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Awissu u tal-ewwel ta' Settembru 1960;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha qal illi hu ta lill-atturi r-rendikont li dawn talbuh, u għalhekk l-azzjoni lilhom kompetenti hija dik ta' mpunjazzjoni tal-istess kont, u għalhekk it-talbiet tal-atturi ħaqqhom jiġu respinti. Bl-ispejjeż u b'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat il-verbal tal-24 ta' Marzu 1962, li minnu jidher li ż-żewġ attriċi llimitaw it-talba tagħhom dwar ir-rendikont mill-1950 l-hawn;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ottubru 1962, li biha lliberat lill-konvenut, u konsegwentement laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-attriċi, li lilhom irriżervat kwalunkwe azzjoni oħra; wara li kkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher li ż-żewġ attriċi qegħdin jitolbu r-rendikont tal-amministrazzjoni li kien għadu qiegħed iżomm il-konvenut tal-beni u ħwejjeġ komuni tal-istess atturi, tal-istess konvenut, u ħutu. Din it-talba, kif jidher l-lum mill-verbal tal-24 ta' Marzu 1962, qegħdha tiġi limitata għall-perijodu mill-1950 sal-1959;

Illi huwa tajjeb li jingħad qabel xejn li din il-kawża kienet miexja l-kontemporaneament u kontestwalment ma' kawża oħra fl-istess ismijiet u l-aħwa l-oħra tal-konvenut, ċitazzjoni ċivili nru. 119/61, li ġiet ċeduta mill-atturi fil-31 ta' Awissu 1962, fejn kienet intalbet ir-rimozzjoni minn amministratur komuni tal-konvenut; u din iċ-ċessjoni kienet saret wara li l-Qorti pperswadiet lill-kontendenti jagħmlu l-qasma tal-beni immobili komuni, li kienet diġà matura biex issir peress li kienet saret stima tal-immobili li fuqha kien hemm xi diverġenzi. Minħabba din it-trattazzjoni simultanea, il-provi taż-żewġ kawżi ngabru f'din odierna, u għal din ir-raġuni fid-dispożizzjonijiet jinsabu msemmija materji li proprjament ma jidħlux fil-meritu ta' din il-kaw-

ża. Inoltre, fl-istess traskrizzjoni tad-depożizzjonijiet jidhru mdaħħlin fatti u materji li jirrigwardaw pjuttost il-likwidazzjoni *tas-soċjetà kummerċjali* "G.V. Demarco", li dwarha hemm pendenti bejn il-partijiet odjerni u l-aħwa l-oħra tal-konvenut kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ;

Illi, għalhekk, il-provi jridu jkunu, għall-finijiet ta' din il-kawża, epurati mill-materja estranea li ma tirrigwardax din il-kawża, imma li tikkonċerni l-pretiża amministrazzjoni ħażina tal-konvenut għar-rimozzjoni tiegħu bħala amministratur tal-beni, biex hekk insejħulhom, privati talfamilja Demarco, u ta' dawk il-materji li jikkonċernu l-likwidazzjoni *tad-ditta kummerċjali*;

Illi lanqas ma hu ożjus li jiġi premess li, mentri l-ewwel attriċi msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni taħbat il-mara leġittima tal-illum mejjet Alfredo Demarco, ħu l-konvenut, l-attriċi l-oħra hija bintu leġittima u naturali; u peress li ma jirriżultax li Alfredo Demarco, li ġie nieqes għall-ħajja fl-ewwel ta' Marzu 1957, miet testat, l-ewwel attriċi menzjonata għandha nteress bħala kommunista fl-akkwisti tażżwieġ tagħha mad-decujus, apparti r-riżerva legali, jekk ikun *il-każ wara l-likwidazzjoni* tal-assijiet bejniethom u dak partikulari ta' żewġha, mentri fl-attriċi l-oħra dan l-interess tagħha hu radikat fil-kwalità ta' eredi leġittima. Id-data tal-mewt ta' Alfredo Demarco għandha ċerta mportanza, kif jista' jidher aktar tard;

Jingħad ukoll li fl-annu 1950 Alfredo Demarco, li kien dejjem imur jaħdem ma' ħuh il-konvenut fis-sede tad-ditta, marad, u l-frekwenza tiegħu fuq ix-xogħol kienet sporadika, u aktarx li ma kienx imur milli jmur fl-uffiċċju tad-ditta "Giovanni Vincenzo Demarco"; iżda ħuwa kien kull xahar jirċievi regolarment £25 mensili, avvolja aktarx ma kienx imur għax-xogħol. Ir-raġel tat-tieni attriċi msemmija, fixxhieda tiegħu (fol. 20), qal li kien jaħseb li mill-1950 sal-1956 id-decujus ma kienx jirċievi rendikont tal-patrimonju privat komuni, l-għaliex, mentri missier il-mara kien soltu jurieh l-ittri li jirċievi, f'dik l-epoka ma wrieħx korrispondenza li kienet timporta rendikonti; iżda, però, l-istess xhud qal (fol. 20-21) li fl-1956, permezz ta' Erminia Demarco, oħt Alfredo u George Demarco, fil-preżenza tiegħu l-istess *Alfredo rċieva £29 bħala s-sehem tiegħu tal-patrimonju privat*, u fl-istess ħin kien minnhom ġie nfurmat li s-sehem

tiegħu li kien qiegħed jiġi mogħti lilu kien proprjament jammonta għal £39, iżda, peress li huwa kien qiegħed jgħammar ġewwa post komuni tal-aħwa Demarco, kienu qatgħulu ta' sentejn kera bil-£5 s-sena bil-quddiem. Ma jidhirx li Alfredo Demarco għal dan id-diskors avanza xi protesta; u din il-Qorti tħoss li, kieku kien hemm diverġenza simili, ix-xhud imsemmi, li huwa persuna matematikament preċiża fir-relazzjoni tal-fatti minnu deposti, ma kienx sejjer jibqa' sieket fuq dik il-kontinġenza. Mill-banda l-oħra, jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Louis Radmilli (fol. 70), li wara l-mewt ta' Alfredo Demarco l-ewwel rendikont li sar kien dak tas-sena 1955, kif inveru jidher mill-ittra tal-5 ta' April 1957 markata Dok. A, u mill-anness B (Dokti. 22 u 23, u depożizzjoni Radmilli fol. 70 u 71); imma anki meta kien għadu ħaj inbgħatlu rendikont (ara depożizzjoni fol. 75), u kien personalment jara d-dokumenti (fol. 103);

Illi minn dawn il-fatti pruvati jitnissel li għall-perijodu mill-1950 tal-1955 il-konvenut irrenda kont li dwaru l-awtur tal-atturi ma sab jgħid xejn, u lanqas iddeduċa xi azzjoni opportuna sabiex jimpunja dawk l-istess kontijiet; b'mod li hija problematika l-azzjoni tal-atturi għall-perijodu msemmi, meta l-awtur tagħhom ma ġiex pruvat li ddiżapprova dawk il-kontijiet, jew wera bil-kliem u bil-fatt dan l-animu tiegħu, anzi pjuttost donnu wera ruħu li kien preċiżament fiduċjus fil-konvenut;

Imma, apparti dan li ntqal fuq dak li jista' jiddeduċi ruħu mill-provi, huwa tajjeb li jingħad li kien użu tal-konvenut u tan-neputi tiegħu, li kien jgħinu, li l-kontijiet interni tal-patrimonju privat u komuni tal-familja Demarco (għax dawn jirrigwardaw din il-kawża), meta kienu jiġu biex jingħataw lill-komunisti, kienu jkunu kważi kopja tan-"notice" meħtieġa għall-Income Tax; b'dan però, li, mentri għall-finijiet tat-taxxa msemmija kienu jissemmew u jitniżżlu r-renti kollha, jidħlu jew ma jidħlux, fir-reża tal-kontijiet bejniethom għar-ripartizzjoni, il-kerijiet li ma kienux jidħlu kienu jiġi sottratti mill-ammont diviżibbli u mniżżla bħala debiti;

Jingħad ukoll illi wara l-mewt ta' Alfredo Demarco r-reża tal-kontijiet tal-patrimonju msemmi kienet ġeneralment issir lir-raġel tat-tifla ta' Alfredo Demarco, u milli

jidher dawn il-kontijiet bdew mis-sena 1957 għas-sena però 1956, u hekk minn sena għall-oħra, sa ma saret il-kawża;

Wara l-kont imsemmi fil-fols. 22 u 23 tal-proċess, l-imsemmi raġel tat-tifla ta' Alfredo Demarco, u anni sussegwenti, wera l-insodisfazzjon tiegħu, u talab li l-istess ikunu korredati mid-dokumenti ġustifikattivi kif ukoll xi spjegazzjonijiet (ara dok. F. fol. 27), li xi waħda minnhom kienet però tirrigwarda d-ditta kummerċjali, u mhux il-patrimonju privat. Il-konvenut, fuq din ir-rikjesta magħmula minn Salvatore Muscat Loporto għan-nom tal-eredi ta' Alfredo Demarco, kitiblu ittra (dok. E fol. 28), minn fejn jidher li l-istess konvenut taħ l-ispjegazzjonijiet rikjesti; imma qabel din l-ittra n-neputi tal-konvenut kien bagħat lill-istess Muscat Loporto l-ittra dok. E. (fol. 26), li kienet akkompanjata minn diversi rċevuti, li donnhom issoddisfaw lir-rikjedenti, barra mid-dok. G;

In segwitu, mill-konvenut ġew depożitati l-kotba tal-amministrazzjoni fl-uffiċċju legali tal-allura konsulent tal-konvenut, sabiex Muscat Loporto jkun jista' meta jrid imur jarahom, kif fil-fatt mar, kif jirriżulta mill-provi; u fuq l-eżami tiegħu tal-kotba avanza ċerti diffikultajiet u eżiġa, kellu dritt, ċerti spjegazzjonijiet fuq xi partiti, li l-avukat tal-konvenut jew spjegalu jew talab iż-żmien biex jiddeluċidalu, l-għaliex qabel ried jottjeni xi nformazzjonijiet partikolarizzati mill-klijent tiegħu, u li, wara li kkonferixxa miegħu, milli jidher taħ dawn l-informazzjonijiet. Wara li Muscat Loporto mar xi erbgħa darbiet għand il-konsulent legali tal-konvenut għall-fini fuq espress (fol. 55), l-istess Muscat Loporto qal li l-kotba ma kienux għal kollox regolari mħabba n-numerazzjoni tal-impaġinazzjoni tal-kotba u raġunijiet oħra (fol. 55 u fol. 56), u semma wkoll li xi ammonti ma kienux jidhru; u meta l-aħħar darba li mar jivverifika l-kotba ġie mistoqsi mill-avukat tal-konvenut kellux diffikultajiet oħra, wera ruħu evażiv u mar u għamel il-kawża odjerna (fol. 58), bla ma ta ebda riżultat definittiv lill-konsulent legali tal-konvenut;

Illi huwa minnu li fir-reża tal-kontijiet magħmula mill-konvenut, jew aħjar min-neputi tiegħu għalieh, kien hemm xi ommissjonijiet, partikolarment dwar it-titoli ("securities"), kif jirriżulta mill-versjoni ta' x'uħud mill-istess dokumenti; u għalkemm Louis Radmilli qal li dwar it-titoli

kien jaħseb li kienu jibgħatu lill-interessati notament separat individwalment, eppure fuq dan il-punt ma kienx f'pożizzjoni li jafferma dak il-fatt bil-ġurament (ara fol. 72); kif ukoll ġie ommess l-import ta' flus li kienu komuni u depożitati fil-Bank Nazzjonali ta' Malta; għal liema ommissjoni x-xhud Radmilli pprova jagħti spjegazzjoni (ara dok. I fol. 31 u 32, u dok. 6 fols. 116 u in parti fol. 117 fil-qiegħ; u depożizzjoni Radmilli fol. 104), apparti partiti oħra in kontestazzjoni, u li mhux hawn il-lok li jiġu diskussi, oppure dawk il-kontijiet li rrenda l-konvenut, sew weħedhom, sew in konsiderazzjoni tal-aġevolazzjoni li kellu qabel il-kawża Muscat Loporto li jivverifika l-kotba, l-istess ma kienux magħmula b'mod li d-diskussjoni dwarhom kienet impossibbli;

Illi huwa minnu li l-Liġi di Rito lokali, fl-Ewwel Parti, Titlu VII, subtitlu XII, titkellem fuq ir-rendikont u likwidazzjoni ta' fruttijiet (art. 389-395 Kap. 15), dritt li huwa mogħti lil kull min għandu komunjoni ta' nteressi (ara Appell 14 ta' Mejju 1945 "Arturo Callus vs. Carmelo Morana et.", Vol. XXXII-I-569; u Appell 12 ta' Ġunju 1953, "Victor Pace ċessjonarju ta' Marietta armla ta' Giuseppe Micallef vs. Antonio Terranova"); u fl-art. 389 u 390 rispettivament trid li l-kont ikun rafforzat bid-dokumenti u turi x'għandu u kif għandu jkun il-kontenut tal-kont. Skond il-ġurisprudenza lokali kostanti ntqal li l-forma tal-kont preskritta mid-dispożizzjonijiet ċitati mhix tassattiva u "di rigore", purkè l-kont ma jkunx konfus, diżordinat, u tali li ma jistgħax ikun hemm diskussjoni dwaru, u li l-parti li lilha jiġi mogħti l-kont ma tistgħax tirrikuża li tiddiskutih fil-forma li biha ġie kompilat mill-parti l-oħra (ara Kummerċ "Vella vs. Despott" 20 ta' Mejju 1893, Vol. XIII, paġ. 502; Kummerċ "Ness nomine vs. Vella nomine", Vol. XVII-III-18; "Borg Falzon vs. Bartolo" 17 ta' Frar 1936, Vol. XXIX-III-227; Appell "Naudi nomine vs. Agius nomine" 12 ta' Marzu 1937; Appell "Leone nomine vs. Borg nomine et." 7 ta' Frar 1955, Vol. XXXIX-I-361; Prim'Awla Ċivili "Avukat Dottor Giuseppe Degiorgio nomine vs. Olimpia mart Deodato Grech" 6 ta' Diċembru 1934, Vol. XXIX-I-135, u in part. il-prinċipju fuq enunċjat paġ. 142 in medio; Prim'Awla Ċivili "Carmela Pace vs. Rosina Caruana et." 17

ta' Ottubru 1949, Vol. XXXIII-II-416, u in partikulari paġ. 418 fil-qiegħ);

Illi lanqas il-fatt li l-kont ma jkunx akkompanjat mid-dokumenti ġustifikattivi ma huwa ta' rilevanza, partikolarment mbagħad f'każ bħal dan in diżamina, fejn, wara li ġie rikjest, ħafna minnhom l-atturi kellhom l-opportunità li jivverifikawhom, u del resto ġie anki deċis illi n-nuqqas ta' produzzjoni tad-dokumenti ġustifikattivi ma jġibx miegħu n-nullità tal-kont, u lanqas jimporta li l-istess kont huwa nvalidu, iżda jakkorda lill-parti l-oħra, d-dritt li timpunja l-kont u li tirripudja l-partiti mhux ġustifikati (ara Prim' Awla Ċivili "Felice vs. Sammut", 29 ta' Marzu 1894, Vol. XIV, paġ. 199; u Appell "Leone nomine vs. Borg nomine et". 7 ta' Frar 1955 Vol XXXIX-I-361, u in partikulari paġ. 365);

Illi jingħad ukoll li fil-każ ta' xi akkreditament ommess, u naturalment dan fil-fehma ta' din il-Qorti, jista' jingħad għal kull ommissjoni, il-kont għandu dejjem jitqies mogħti għall-finijiet tal-liġi, salva l-impunjazzjoni tiegħu (ara Appell 14 ta' Mejju 1948 "Bianço vs. Zahra", Vol. XXXIII-I-645, u l-aħħar sentenza tal-Appell ċitata fil-Volum XXXIX-I-365);

Illi ma hemmx bżonn jingħad li l-azzjoni ta' mpunjazzjoni, kif ukoll dik għall-korrezzjoni ta' żbalji fl-istess kontijiet, jistgħu jiġu eżerċitati sa tletin sena (Appell "Alfredo Fenech vs. Teresa Fenech" 29 ta' Mejju 1939, Vol. XXX-I-367);

Illi minn dan jitnissel li l-konvenut irrenda l-kontijiet għall-perijodu mitlub, u dawn il-kontijiet ma jidhrux inkomprensibbli, jew li huwa mpossibbli li tikkritikahom u tiddiskuti dwarhom; u lill-atturi, kwindi, kienet tispetta l-azzjoni ta' mpunjazzjoni tal-kontijiet (ara art. 392 Kap. 15); liema mpunjazzjoni u kritika mhumiex deduċibbli in linea ta' eċċezzjoni (ara Prim'Awla Ċivili 17 ta' Marzu 1908 "Bugeja vs. Cassar", Vol. XX-II-422), u għadha aperta favur l-atturi;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi, u l-petizzjoni tagħhom li biha l-atturi talbu li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba tagħhom tiġi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-azzjoni tal-atturi hi għar-rendiment ta' kont tal-amministrazzjoni ta' beni komuni ġestita mill-konvenut, u ż-żmien ġie limitat għall-perijodu mill-1950 sal-1959 inkluživament;

Dwar dawk li huma l-prinċipji legali li in ġenerali jirregolaw materja simili ma jidherx li verament hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet. Infatti, dawk il-prinċipji ġew stabbiliti minn serje twila ta' ġudikati, u l-lum jistgħu jiġu qiesu bħala "jus acceptum". Fejn il-partijiet ma jaqblux hu fl-applikazzjoni tal-istess prinċipji għall-fatti tal-każ preżenti;

Is-soluzzjoni tal-kwistjoni tiddependi sostanzjalment fil-fehma tal-Qorti, minn fejn wieħed għandu jqiegħed l enfasi għar-rigward tal-imsemmija prinċipji legali. Il-liġi, fl-art. 389 u segwenti tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, tiddetta ċerti regoli dwar il-forma kif għandu jingħata l-kont. Il-ġurisprudenza nterpretattiva ta' dawk id-dispożizzjonijiet f'każijiet partikulari stabbiliet illi dik il-forma hekk preskritta mhix "di rigore", b'mod illi, per eżempju, in-nuqqas ta' produzzjoni ta' xi dokumenti ġustifikattivi ta' partiti ta' eżitu ma jirrendix il-kont null jew invalidu, kif lanqas tirrendieh invalidu l-ommissjoni ta' xi partita ta' akkreditament, jew l-adozzjoni ta' format u aspett tal-kont diversi minn dawk preskritti. Dawn huma, biex wieħed isejħilhom hekk, temperamenti nterpretattivi rikonoxxuti għar-rigur apparenti tal-forma dettata mil-liġi, ispirati mill-konsiderazzjoni illi l-liġi ma ddettatx dawk in-normi biex timponi formaliżmu riġidu u inutili, iżda biex tottjeni riżultat prattiku li jirrispondi għall-iskop essenzjali li għalieh hu ntiż l-obligu tar-rendiment tal-kont;

Iżda — u hawn tidħol il-kwistjoni tal-enfasi — ġa fuq imsemmija — dawk it-temperamenti ma għandhomx joskuraw ir-regola essenzjali, jew jiġu nterpretati u applikati b'mod illi gradatament, kważi nsensibbilment, l-istess regola tiġi eroża sal-punt li kważi tisparixxi, u l-iskop tagħha jiġi minsi u sfrattat. Jekk mill-banda l-waħda l-forma tal-kont mhix preskritta taħt piena ta' nullità, u l-persuna li

lilha jiġi mogħti l-kont ma tistgħax tirrikuża li tiddiskutieh fil-forma li ġie kompilat minn dak li rrendieh, b'dan kollu, però, l-essenzjali jibqa' illi mill-kont kif mogħti għandu jidher l-istat u d-deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li dwarhom il-kont jingħata, u b'mod illi l-persuna li tirċevieh tista' minnu tkun taf x'daħal u x'ħareġ u x'baqgħalha, jekk baqgħalha, tieħu jew tagħti. Dan jiġifieri illi l-enfasi għandha tibqa' fuq ir-regola, u mhux fuq l-eċċezzjoni jew temperament tagħha. Il-liġi għar-rigward tar-rendiment tal-kont, kif ukoll għall-impunjazzjoni tiegħu, tgħat ċerti normi għall-espedjenza li tirrendi faċli u anqas dispensjuża l-proċedura, iżda b'mod li l-kontendenti jistgħu, bla tfixkil u taħbit żejjed, ikollhom assigurati l-interessi u d-drittijiet tagħhom. Il-Qorti taħseb illi l-attitudini korretta f'din il-materja hi kif espressa minn din il-Qorti fil-kawża Vol. XXIX-I-1456 b'dawn il-kliem:— "Sebbene sia pacifico nella dottrina e nella giurisprudenza che siffatta forma (ċjoè dik preskritta mil-liġi) non è di rigore, e che la parte cui si rende il conto non può ricusare di discuterlo nella forma in cui è stato compilato, dall'altra parte è tuttavia essenziale che dall'insieme del conto reso si possa ricavare lo stato, ossia la descrizione di ciò di cui si dà conto, tanto rispetto all'avere quanto rispetto al dovere, di maniera che la parte cui il conto si rende possa, seguendo lo stesso metodo adottato dall'altra parte, esaminarlo e criticarlo nelle singole partite dell'avere e del dovere";

Applikati dawn il-prinċipji fuq esposti għall-każ in eżami, din il-Qorti ma hix ta' fehma li l-konvenut adempixxa l-obligu tiegħu. Għad illi jidher li minn żmien għal żmien hu bagħat ċerti nformazzjonijiet lill-attriċi jew lill-awtur tagħhom Alfredo Demarco, u ħallas xi akkonti mill-introjti li kien idaħħal mill-beni komuni li hu kien jamministra, il-Qorti ma tħossx li dawk l-informazzjonijiet kienu jikkostitwixxu rendikont veru u proprju u adegwat tal-amministrazzjoni tenuta minnu. Biżżejjed jingħad kif din il-Qorti jidhrilha li jista' raġjonevolment jingħad, illi, għalkemm fil-kors u bħala riżultat ta' din il-kawża, il-konvenut "żied" jagħti ħafna nformazzjonijiet u dettalji li ma kienx ta' qabel, b'dan kollu, kieku wieħed kellu anki issa jipprova joħroġ minnhom il-bilanċ li baqgħalhom jieħdu l-attriċi, li fl-aħħar mill-aħħar hu l-iskop finali ta' kull kont, isibha diffiċli, jekk mhux impossibbli;

L-epoka li għaliha l-attriċi qegħdin jitolbu l-kontijiet tinqasam f'żewġ perijodi; l-ewwel wieħed jasal mill-1950 sal-1955, ċjoè sakemm miet Alfredo Demarco. Il-konvenut jippretendi illi sa dik l-aħħar sena hu kien regolarment jagħti rendikont lill-istess Alfredo Demarco, u dan approva dawk il-kontijiet. Dak li, però, irriżulta hu biss illi għal xi snin matul il-perijodu in kwistjoni l-konvenut bagħat lill-Alfredo Demarco kopja tal-lista tal-beni immobili kompriżi fl-amministrazzjoni, li hu kien jipprepara għall-Inland Revenue Department — lista li, oltre li anqas għar-rigward tal-kontenut tagħha ma kienet turi d-dettalji kollha li teħtieġ il-liġi għar-rendikont ma kienetx tikkomprendi "assets" oħrajn posseduti in komun u amministrati wkoll mill-konvenut. Anqas ma jista' jingħad li ġie soddisfaċentement pruvat mill-konvenut, li fuqu hu mixħut il-piż tal-prova, illi matul dak il-perijodu Alfredo Demarco kellu aċċess għall-kotba u d-dokumenti tal-amministrazzjoni, b'mod illi dan seta' jissupplixxi għad-defiċjenza jew jissupplementa l-informazzjonijiet mogħtijin fil-kont. Skond ix-xhieda ta' Salvatore Muscat Loporto, żewġ l-attriċi Mae Muscat Loporto, Alfredo Demarco, marad fl-1950, u ma marx aktar għox-xogħol (fol. 20);

Il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm bżonn li jiġu hawnhekk imsemmija dettaljatament id-defiċjenzi u d-difetti kollha li jinsabu fid-dokumenti eżibiti għar-rigward ta' dak il-perijodu, u li ġew analizzati fil-petizzjoni elaborata tal-appell. Biżżejjed jingħad illi mill-kumpless kollu tal-provi fil-proċess ma jirriżultax illi l-konvenut irrenda dwar dak il-perijodu r-rendikont li trid il-liġi;

L-istess konklużjoni l-Qorti jidhrilha li tapplika wkoll għar-rigward tat-tieni perijodu, mill-1956 sal-1959. Anki f'dan iż-żmien il-konvenut ta' nformazzjonijiet u bagħat ċerti dokumenti lill-attriċi, li fil-fehma tal-Qorti ma jissoddisfawx dak li trid il-liġi għar-rendikont. Mhix kwistjoni li ġew ommessi xi partiti jew ma ġewx prodotti xi dokumenti ġustifikattivi; il-kwistjoni hi li rendikont veru u proprju ta' dak kollu li l-konvenut kien jamministra, b'mod li, kif intqal, jagħti soddisfazzjon lill-attriċi, intitolati għall-kont, dwar l-istat tal-beni kollha amministrati, bid-dħul u l-ħruġ u b'mera ċar ta' dak li kellhom jieħdu, ma jistgħax jingħad li ġie mogħti. Jirriżulta illi, qabel bdiet din il kawża, l-imsemmi Salvatore Muscat Loporto ġie mogħti l-opportunità

li jara xi pitazzi jew kotba tal-amministrazzjoni fl-uffiċċju tal-konsulent legali tal-konvenut u jottjeni spjegazzjonijiet u kjarifikazzjonijiet minn għandu. Għad illi dan seta' sewa biex jirrimwovi xi diffikultajiet, u forsi b'aktar bwona volontà minn kull naħħa seta', bi sforz ieħor, anki jevita din il-kawża, il-Qorti ma jidhrilhiex illi bħala prinċipju tista' tapprova li dak l-arranġament kien jeżenta lill-konvenut mill-obligu legali tiegħu li jirrendi kont ċar u sewwa. Ma setgħax kien fil-kontemplazzjoni tal-liġi illi persuna li lilha hu dovut il-kont ikollha titħabat u tinvestiga, u hi stess terġa teżamina jew tqabbad lil min jeżaminalha l-kotba tal-amministrazzjoni, biex tista' tqiegħed lilha nnfisha fil-pożizzjoni li tifhem il-kont mogħti jew tissupplixxi għan-nuqqasijiet tiegħu. Dan, jekk estiż, ikun jekwivali għal inversjoni inaċċettabbli ta' obligi;

Fir-risposta għall-petizzjoni il-konvenut osserva illi l-kritika stess li l-attriċi għamlu dettaljatament fil-petizzjoni tagħhom għall-kontijiet mogħtijin minnu hi prova fiha nnfisha illi dawk il-kontijiet kienu tali li kienu jirrendu possibbli l-impunjazzjoni tagħhom, u għalhekk kienu jissoddisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi kif interpretata mill-ġurisprudenza. Il-Qorti ma jidhrilhiex li din l-osservazzjoni hi f'lokha. L-ewwelnett il-kritika magħmula mill-appellanti saret possibbli anki bħala riżultat ta' nformazzjonijiet li huma akkwistaw bi sforzi tagħhom kif intqal fuq, u mhux għax kienu jirrenduha possibbli l-kontijiet fihom innfushom kif irrendihom il-konvenut. It-tieni nett, il-kritika saret ukoll possibbli minħabba d-dokumenti oħra li ġew prodotti u nformazzjonijiet li ġew mogħtija fil-kors tal-kawża, li ma jidherx li għandhom jippreġudikaw l-azzjoni tal-attriċi. It-tielet nett, il-kritika saret biex turi, u fil-fehma tal-Qorti tassew turi, kemm kienu nsoddisfaċenti l-kontijiet tal-konvenut;

Kif ġa ngħad, ma hux la ġust u anqas legali li l-pożizzjoni tiġi nvertita. Biex kont mogħti jiġi mpunjat, il-liġi tirrikjedi, fl-art. 392, illi l-parti li lilha jkun intagħta l-kont tagħmel l-oppożizzjoni tagħha billi tispeċifika l-partiti li trid timpunja, b'ċitazzjoni kontra min ta' l-kont. Gie ritenut illi dan hu suġġerit mill-bżonn li l-partijiet ikollhom "una giustizia di facile accesso e la sua amministrazione semplice, ordinata, celere e poco costosa, donde la necessità che siffatte norme sieno scrupolosamente seguite e stret-

tamente applicate, perchè il privato non possa col suo inadempimento rendere vano lo scopo che la legge si prefigge nell'interesse generale" (Vol. XXIV-I-324). Issa, ma jistgħax ikun illi, fil-waqt li tkun rigorus u eżiġenti ma min irid jimpunja l-kont, tista' tkun laxk jew tolleranti ż-żejjed ma' min inizzjalment kien obligat li jirrendieh. Intant, min jirċievi l-kont jista' jkun tenut li jkun speċifiku u preċis biex jimpunjah, in kwantu min hu obligat li jagħti l-kont ikun bil-kjarezza u l-kompletezza raġjonevoli tiegħu rrendielu possibbli u aġevoli li jinduna b'dak li għandu dritt jopponi; inkella, il-liġi tkun maqluba ta' taħt fuq, u ma tistgħax tottjeni dak li riedet tottjeni bil-proċedura tar-rendikont u dik tal-impunjazzjoni eventwali tiegħu, ċjoè li tevita t-tul u l-ispejjeż ta' likwidazzjoni;

Kif ġa ntqal, fil-fehma tal-Qorti l-kontijiet parzjali u mhux ċari li ta l-konvenut minn żmien għal ieħor ma jottemperawx mal-vot tal-liġi;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-attriċi, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-istess attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut biex fi żmien xahrejn jirrendilhom kont skond il-liġi tal-amministrazzjoni tiegħu għas-snin mill-1950 sal-1959 inklużivament; bl-ispejjeż tal-prima istanza u tal-appell kontra tiegħu.